12 ta' Ottubru, 1950

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Wisq Rev. Kan. Antonio Agius ne. *versus* Teresa Abela

**Fondazzjoni ta' Quddies — Aċċettazzjoni.**

*Il-volontà tat-testatur li jordna fondazzjoni ta' quddies għandha tiġi rispettata kollha kemm hi; u għalhekk il-fatt illi, biex il-quddies ordnat mit-testatur ikun jista' jsir kollu, ikun hemm bżonn li l-quddies jiġi ċelebrat fi knisja diversa minn dik indikata fil-fondazzjoni, ma jiġġustifikax lill-persuna gravata b'dik il-fondazzjoni li ma tersaqx għall-kuntratt ta' l-aċċettazzjoni definitiva u erezzjoni tal-fondazzjoni fuq il-motiv li l-quddies ikun ser jiġi ċelebrat fi knisja diversa minn dik li ordna t-testatur.*

*Għandu jiġi ritenut li t-testatur aktar ried illi jsir kemm jista' jkun quddies bir-renta minnu mħollija, milli li l-quddies isir fi knisja bi preferenza ta' oħra.*

*Mingħajr il-kuntratt ta' l-aċċettazzjoni, il-persuna morali jew il-Knisja ma tkunx obligata teżegwixxi l-fondazzjoni; għax bis-saħħa ta' l-aċċettazzjoni biss tinħoloq il-kuntrattazzjoni bilaterali. Mill-banda l-oħra, bil-fondazzjoni ta' quddies li ordna t-testatur l-enti fondazzjoni jassumi ċerti drittijiet di fronti għall-proprjetarju tal-fond li fuq ir-renta tiegħu tkun ordnata l-fundazzjoni; liema drittijiet dak il-proprjetarju huwa obligat jirrispetta.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine, wara li ppremetta illi Mosè u Elisa miżżewġin Debono ħallew fit-testment tagħhom "unica charta", publikat min-Nutar Enrico Saydon fid-29 ta' April 1923, dispożizzjoni li biha kellha tiġi eretta fondazzjoni perpetwa ta' tant quddisiet letti fis-sena sakemm jistgħu jiġu ċelebrati bl-elemosina korrenti, u dana bl-assenju ta' żewġ terzi (⅔) tar-renta annwali tal-ħanut f'Bormla, Strada Marina, numru sebgħa (7); u dina l-fondazzjoni kellha

tiġi eretta fil-Knisja Kolleġjata u Parrokkjali ta' Bormla; u illi l-Kapitolu tal-prelodata Knisja Parrokkjali ta' Bormla aċċetta dina l-fondazzjoni, però bil-kondizzjoni illi dawna l-quddies isiru b'xelin iżjed mill-elemosina korrenti, u dana kien ifisser riduzzjoni fin-numru tal-quddies; u li l-Awtorità Ekkleżjastika ma aċċettatx dina l-kondizzjoni (ara dok. B), u sussegwentement dina l-fondazzjoni, kif jirriżulta wkoll mill-anness Dok. B, ġiet aċċettata u eretta fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Luqa; u illi, kif jidher ukoll mid-dokument "C", il-konvenuta rrifjutat li tagħti l-kunsens u l-approvazzjoni tagħha sabiex l-erezzjoni ta' dina l-fondazzjoni fuq imsemmija ssir fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Luqa; u għalkemm ġiet interpellata biex taddivjeni għall-kuntratt notarili tal-aċċettazzjoni u erezzjoni finali —liema kuntratt kellu jiġi publikat min-Nutar Victor Bisazza — hija, kif assistitha mill-istess żewġha, baqgħet kontumaċi mingħajr ġusta kawża; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenuta, kif fuq assistita, għar-raġunijiet fuq imsemmija u spjegati, tkun kundannata li taddivjeni u tidher, flimkien mar-raġel tagħha, fuq il-kuntratt relativ notarili, li jiġi publikat min-Nutar Victor Bisazza, biex hekk tkun finalment aċċettata u eretta fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Luqa l-fondazzjoni fuq imsemmija, magħmula minn Mosè u Elisa Debono fit-testment tagħhom fuq indikat, u dana fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi lilha, kif assistita, prefiss u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti; u in difett jiġi nominat kuratur biex jirrappreżenta lill-konvenuta, jew lil żewġha, fuq l-att relativ notarili ta' l-aċċettazzjoni f'każ ta' kontumaċja tagħha jew ta' żewġha. Bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi għad li d-dokument relativ ma ġiex prodott, jirriżulta........... li b'testment "unica charta"...........; liema fondazzjoni kellha tiġi amministrata, u l-quddies ċelebrat, mit-tifel tat-testaturi s-Saċerdot (il-lum Kappillan) Don Giuseppe Debono, u wara mewtu mill-prokuratur "pro tempore" ta' dik il-Knisja. L-istess fondazzjoni kellha tibda mill-mewt tas-superstiti tat-testaturi;

Illi mid-dokumenti eżibiti maċ-ċitazzjoni jidher li l-imsemmi Kappillan Debono, bħala amministratur ta' dik il-fondazzjoni, għamel il-pratiki neċessarii mal-Kapitlu tal-Knisja

Kolleġġjata ta' Bormla............, imma dak il-*Kapitlu ried* jaċċettaha bil-kondizzjoni........... *Dina* l-kondizzjoni..........., meta ġiet imressqa mill-Kappillan Debono għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità Ekkleżjastika, ma ġietx aċċettata, fuq il-konsiderazzjoni li kienet timporta riduzzjoni fin-numru *ta'* quddies kull sena, u għal dina r-*riduzzjoni* kienet kompetenti biss is-Santa Sede;

Illi biex ma jitnaqqasx in-numru tal-quddies, u wkoll biex *jiġu evitati spejjeż, taħbit* u *anki diffikultajiet—għaliex, anki* fil-każ li s-Santa Sede kellha *tawtorizza* dik ir-riduzzjoni, kien ikun *hemm* bżonn li kull ħames snin tingħamel talba lis-Santa Sede għad-debita dispensa—il-Kappillan Debono sab l-*opportunità li dik il-fondazzjoni* tiġi *aċċettata u eretta* fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Luqa *fit-termini* kif ordnati mit-testaturi. Għalhekk huwa għamel rikors lill-Awtorità Ekkleżjastika..........., u fit-3 ta' Marzu 1956 innominat lill-attur biex jirrappreżenta lill-Knisja ta' Hal Luqa fl-atti ta' l-aċċettazzjoni tal-fondazzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta *tibbaża* l-*oppożizzjoni* tagħha fuq l-allegazzjoni illi hija qatt ma ġiet notifikata bil-proċeduri li saru għall-aċċettazzjoni u erezzjoni tal-fondazzjoni fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Luqa, u *fuq il-fatt li t-testaturi riedu li* l-*fondazzjoni* ssir biss fil-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla, u mhux band'oħra;

Illi mhux eżatt għal kollox *li l-konvenuta ma kienetx taf* b'dak li kien qiegħed isir biex il-fondazzjoni ssir fil-Knisja ta' Hal Luqa minflok f'dik ta' Bormla. Infatti jidher.........; imma, kif jidher ċar, hija ġiet infurmata, u *b'dana kollu hija ma* offriet ebda soluzzjoni għad-diffikultà *li nqalgħet;* mhux biss, imma dejjem *riedet* u baqgħet tinsisti li trid li l-fondazzjoni ssir fil-Knisja ta' Bormla...........;

*Illi* l-konvenuta *tissottometti li* għandha *tiġi rispettata* l-volontà tat-testaturi, u dawn riedu li l-fondazzjoni ssir fil-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Bormla, u mhux band'oħra; u għalhekk hija trid li dik il-fondazzjoni ssir biss f'dik il-Knisja. Issa, kieku t-trasferiment *tal-post fejn kellha ssir il-fondazzjoni*, minn Bormla għal Hal Luqa, kien kapriċċuż, il-konvenuta

kien ikollha għalfejn *tilmenta*; imma deher ċar li dak it-trasferiment kien meħtieġ, anki għall-fini li jiġi ottemperat għall-volontà tat-testaturi. Infatti, il-Kapitlu tal-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla ma aċċettax dik il-fondazzjoni kif ordnata mit-testaturi, u mpona kondizzjoni biex jaċċettaha, u l-kondizzjoni mposta minn dan il-Kapitlu ma ġietx aċċettata mill-Awtorità Ekkleżjastika. Hekk il-fondazzjoni ma setgħetx issir fil-Knisja ta' Bormla. Biex il-fondazzjoni, bil-kondizzjoni mposta mill-Kapitlu tal-Knisja ta' Bormla kienet tkun tista' ssir f'din il-Knisja, kienet meħtieġa dispensa mis-Santa Sede, rinnovabili kull ħames snin. Għalhekk kien ikun hemm dejjem il-possibilità, anki jekk is-Santa Sede tagħti dik id-dispensa — ħaġa li ma kienetx żgur ċerta—li xi darba tirtiraha. Bil-mod kif saret, jiġifieri bit-trasferiment tal-Knisja, ġie assikurat li l-fondazzjoni, kif ordnata mit-testaturi, fil-kwantità tal-quddies kollu minnhom mixtieq u ordnat, tibqa' ssir għal dejjem;

Illi l-volontà tat-testaturi għandha tiġi rispettata kollha kemm hija. Dawn riedu li bir-renta tal-fond fuq imsemmi jiġu ċelebrati kemm jista' jkun quddies bl-elemosina "pro tempore" korrenti. Kieku l-fondazzjoni kellha ssir fil-Knisja ta' Bormla, dawk il-quddies *ma kienux* jistgħu jsiru kollha, imma kien ikollhom jonqsu, u hekk ma kienx jiġi *ottemperat għall-volontà tat-testaturi*. Għandu jiġi ritenut li t-testaturi aktar riedu li jsir kemm jista' jkun quddies milli li l-istess ikun ċelebrat fi knisja bi preferenza ta' oħra; u konsegwentement aktar tiġi rispettata l-volontà tat-testaturi bil-mod kif sar, milli billi l-quddies ordnat jitnaqqas u jsir fil-Knisja ta' Bormla;

Illi mingħajr il-kuntratt ta' l-aċċettazzjoni, li *għalih il-konvenuta ma tridx tersaq*, il-persuna morali jew il-Knisja ma tkunx obligata teżegwixxi l-fondazzjoni; għaliex bl-aċċettazzjoni biss tinħoloq il-kuntrattazzjoni *bilaterali* (App. 8. 2. 1935, "Grixti vs. Albanese", Vol. XXIX—I—80); u għalhekk il-Kappillan Debono, billi huwa l-amministratur tal-fondazzjoni, u ħutu, jew dawk li aderew għall-operat tiegħu, għandhom interess li l-att ta' l-aċċettazzjoni jsir mill-aktar fis, biex il-fondazzjoni tiġi eżegwita. Mill-banda l-oħra, bil-fondazzjoni ta' quddies li ordnaw it-testaturi, l-enti *fondazzjoni* assuma ċerti drittijiet quddiem l-aħwa kollha Debono komproprjetarji tal-fond li fuq ir-renta tiegħu dik il-fondazzjoni ġiet imposta, u għalhekk

dawn l-aħwa Debono, fosthom il-konvenuta, huma obligati li jirrispettaw dawk id-drittijiet (App. 30. 1. 1939 "Cauchi vs. Pullicino" Vol. XXX—I—289). U l-pretensjoni tal-konvenuta mhijiex biżżejjed biex tiġġustifikaha li ma tirrispettax il-fondazzjoni mħollija mill-ġenitori tagħha, kif magħmula mill-Kappillan Debono u aċċettata mill-Awtorità Ekkleżjastika, u biex dik il-fondazzjoni ma tiġix aċċettata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi adeżivament għat-talbiet ta' l-attur nomine, u għall-finijiet ta' l-istess talbiet tistabbilixxi għall-publikazzjoni tal-kuntratt relativ imsemmi fiċ-ċitazzjoni l-jum tal-20 ta' Ottubru 1950, fit-3.30 p.m., f'waħda mill-awli ta' dawn il-Qrati; u tinnomina lill-Avukat Dr. Joseph Galea bħala kuratur biex jirrappreżenta lill-konvenuti, jekk dawn jibqgħu kontumaġi. L-ispejjeż iħallsuhom il-konvenuti.